**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 4**

L-Erbgħa, 24 ta' Ġunju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, l-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela*, l-Onor. Miriana Calleja Testaferrata de Noto u l-Onor. Franco Mercieca kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri u ~~l-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela~~* kienu assenti.

* *Vide Minuti tas-Seduta 9 – 08.07.2026*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 3 li saret fit-23 ta' Ġunju 2026 kienu kkonfermati.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 123 Rapport annwali tal-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta (MDIA) għas-sena 2025; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 124 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Fondi għall-Kawżi Soċjali għas-sena 2025;

P.L. 125 Kopja ta' Exemption Order Nru IR 82/2016 (MF16/84/109) maħruġa fit-18 ta' Ġunju 2026 lil Libyan Investment Authority u LIA Advisory (Malta) Ltd, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123; u

P.L. 126 Kopja ta' Exemption Order Nru IR 82/2016 (MF16/84/109) maħruġa fit-18 ta' Ġunju 2026 lill-membri kollha tal-Bord tad-Diretturi u expatriate staff tal-Libyan Investment Authority u LIA Advisory (Malta) Ltd, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. INDIRIZZ B'RISPOSTA GĦAD-DISKORS TAL-PRESIDENT TA' MALTA - MOZZJONI 3**

Il-Kamra rriżumiet mit-23 ta' Ġunju 2026 id-diskussjoni fuq l-Indirizz b'Risposta għad-Diskors tal-President.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Robert Abela, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Andrew Agius, l-Onor. Norma Camilleri, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Janice Abela Chetcuti, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Marilena Gauci, l-Onor. John Baptist Camilleri, l-Onor. John Grech, l-Onor. Francesca Zarb, l-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Rosianne Cutajar.

L-Onor. Eve Borg Bonello resqet din l-Emenda "A":

Wara l-ewwel paragrafu tal-mozzjoni għandu jiġi miżjud dan li ġej:

"Fl-istess ħin, din il-Kamra:

Tagħraf illi leġiżlatura ġdida hija opportunità ġdida, opportunità sabiex din il-Kamra, l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna, tkun tassew rappreżentattiva tal-poplu li eleġġieha, u tagħmel unur lill-istess poplu bl-onestà u l-entużjażmu tagħha għal Malta aħjar.

Illi f'dan il-Parlament tassew nistgħu, u għandna bżonn, nagħmlu biċċa xogħol aħjar, fejn ma naħsbux biss fil-futur ta' pajjiżna f'termini ta' erba' jew ħames snin ta' leġiżlatura, iżda tassew naħsbu fil-Malta u Għawdex li se jintirtu mill-ġenerazzjoni li jmiss; fl-ispazji tagħna, fl-ekonomija tagħna, u f'opportunitajiet indaqs għal kulħadd li jkunu tabilħaqq meritokratiċi; fil-valuri u l-ideali li jagħmluna Maltin, u li huma tassew is-sisien tal-ħolm ta' ġens li għandu jkun il-gwida għall-ħidma tal-Gvern.

Illi fil-kuntest ta' Diskors li bbaża ruħu ħafna fuq it-tema ta' ekonomija b'saħħitha, din il-Kamra tagħraf li ekonomija b'saħħitha tfisser ferm inqas jekk mhijiex riflessa fir-realtajiet tan-nies ta' kuljum, għaliex il-vera saħħa tal-ekonomija ta' pajjiż tinsab tassew fil-ferħ, fis-serħan tal-moħħ u fil-kwalità tal-ħajja tan-nies tiegħu.

Illi d-Diskors li nqara mill-President kien espressjoni tal-pjanijiet tal-Gvern, iżda l-ħolm ta' pajjiż jiffjorixxi biss jekk, bl-unur li bih inwettqu xogħolna, nispiraw fin-nies il-kunfidenza li biha tassew nagħtu ċans lill-poplu jkun ħieles jimmaġina u joħlom b'Malta u Għawdex aħjar; Malta u Għawdex li mhumiex biss ikkonfinati fil-ħolm, iżda li jistgħu jsiru realtà.".

L-Onor. Ivan Castillo ssekonda.

Fis-7.26 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta | Kontinwazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard.

Fis-7.27 p.m. id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**